# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 25 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru: 8/2015 CSH**

**E. Grech Cristal Baths (C 13298)**

**vs**

**1. Rainbow Turnkey Projects Limited (C 33348)**
**2. Rainbow Interiors Limited (C 18254)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar id-9 ta' Jannar 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€3,613.92) liema somma tirrapprezenta fatturi mahruga lilhom jew min minnhom in konnessjoni ma' merkanzija kkonsenjata lilhom fuq inkarigu taghhom stess u li sa llum ma thallsux u dan skond l-anness fattura (annessa u mmarkata bhala Dok A). Is-somma msemmija ghadha dovuta sal-lum peress illi huma jew min minnhom ma hallsuhiex minghajr raguni valida fil-Ligi u minkejja illi diga' gew interpellati diversi drabi biex thallsu, fosthom permezz ta' ittra bonarja u l-

ittra ufficjali numru 631/2014. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta ta' Anthony Magro ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rainbow Turnkey Projects Limited (C 3348) u ta' Rainbow Interiors Limited (C 18254) li giet ipprezentata nhar it-3 ta' Marzu 2015 fejn eccepixxa:

1. *"Illi, preliminarjament, il-kumpanija Rainbow Interiors Limited (C 18254) m'hijiex il-legittimu kontradittur ghat-talba tal-kumpanija rikorrenti, kif proposta minnha. Tali kumpanija intimata ma kkonduciet l-ebda negozju mal-kumpanija rikorrenti u, ghaldaqstant, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejniethom. A contrario, kienet il-kumpanija l-intimata l-ohra, Rainbow Turnkey Projects Limited (C 3348), illi kkuntrattat mal-kumpanija rikorrenti, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza odjerna.*

   *Ghaldaqstant, l-imsemmija kumpanija intimata Rainbow Interiors Limited (C 18254) ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez relatati mal-proceduri odjerni a karigu tal-kumpanija rikorrenti.*

2. *Illi, fil-mertu, it-talba tal-kumpanija rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan in vista tal-ftehim milhuq ghar-rigward tar-radd lura lill-kumpanija rikorrenti ta' merkanzija mhux mibjugha lil terzi, soggett ghat-tnaqqis tal-kreditu dovut lill-kumpanija rikorrenti, liema ftehim ma giex onorat mill-istess kumpanija rikorrenti minkejja diversi interpellazzjonijiet f'dan ir-rigward. L-ammont dovut mill-kumpanija rikorrenti skond tali ftehim, fi kwalunkwe kaz, jeccedi l-ammont mitlub minnha fil-kawza odjerna, u dan kif se jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza odjerna.*

*Illi, f'dan ir-rigward, qieghed jigi riservat kull dritt ta' azzjoni konsegwenzjali ghal tali inadempjenza.*

3. *Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi."*

**Emanuel Grech** xehed fit-22 ta' April 2015 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga' ta' direttur tas-socjeta' attrici. Il-kont taghhom mal-konvenuti jissejjah Rainbow Home Improvements u dan infetah fis-sena 2007. Huwa esebixxa *statemen*t tal-kontijiet li huma kienu jibghatu lill-konvenuti sa mis-sena elfejn u sebgha. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CSH. Effettivament jirrizulta minn dan l-*istatement* illi l-konvenuti huma maghrufin maghhom bhala Rainbow Home Improvements u minn dakinhar 'l hawn saru hamsa u hamsin pagament mill-konvenuti. Lilhom hadd qatt ma qalilhom li l-*invoices* kienu qeghdin jibghatuhom hazin u cioe' bl-isem ta' Rainbow Home Improvements. Ix-xhud stqarr li effettivament qatt ma talbuhom sabiex johorgu *invoices* f'isem Rainbow Turnkey Projects Limited jew Rainbow Interiors Limited u filfatt qal illi meta effettivament waqghu lura bil-pagamenti u kienu jcemplulhom qatt ma qalulhom li kellhom jirrangaw l-isem taghhom.

Effettivament huma kienu jitkellmu ma' wahda jisimha Nathalie. Dawn l-*invoices* jirraprezentaw xoghol ta' bini u materjal u d-*deliveries* kienu jsiru kollha fi Triq il-Qattus, is-Swatar. Ix-xhud tenna li effettivament dejjem kienu jaqghu lura bix-xoghol u filfatt l-ewwel kienu talbuhom *credit* ta' tletin gurnata u mbaghad kienu talbuhom *credit* ta' sittin gurnata u mbaghad spiccaw tawhom *credit* ta' disghin gurnata u mbaghad mija u ghoxrin gurnata u mbaghad qalulhom li mhux se jhallsuhom ghax ma kellhomx flus u kienu se jaghlqu u kien ghalhekk li procedew l-Qorti.

Ix-xhud qal li meta effettivament huma bghatulhom ittra bonarja u ittra ufficjali sabiex jithallsu tal-pendenzi dovuti lilhom ir-risposta taghhom kienet illi effettivament il-flus kienu dovuti mis-socjeta' Rainbow Turnkey Projects Limited u filfatt kienet sahansitra anki waslet fi stadju fejn kienu se jhallsu pero' l-pagament ma wasal qatt. Ix-xhud kompla jghid li effettivament waqt li kellhom din il-pendenza maghhom kienu se jaslu fi transazzjoni u kif kienu effettivament ha jithallsu lura. Ix-xhud esebixxa dokument ghal fini ta' din il-kwistjoni li gie mmarkat bhala Dokument CSH1. Pero' qal li cio nonostante ma waslux u ghalhekk spiccaw il-Qorti. Qal li dan id-dokument effettivament kien gie mibghut lilhom minnhom pero' mhux iffirmat. Ix-xhud qal li meta effettivament huwa talbu biex jerga' jhallsu ricentement qallu aktar ma jdum il-Qorti iktar ha jdum ma jithallas. Ikkonferma ghalhekk li sa llum-il gurnata l-ammont mitlub fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' tlett elef, sitt mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€3,613.92) ghadu dovut lilhom.

**Emanuel Grech** rega' xehed nhar it-13 ta' Mejju 2015 fejn esebixxa kampjun ta' cekkijiet li huma kienu rcevew minghand il-konvenuti liema cekkijiet hargu minghand Rainbow Turnkey Projects Ltd. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok CSH2. Ix-xhud iddikjara li dawn huma biss kampjuni.

**Robert Magro** xehed fis-17 ta' Gunju 2015 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta fejn qal li huwa shareholder tas-socjeta' konvenuta u naturalment jahdem maghhom ukoll. Mistoqsi jekk kienx involut fin-negozju mertu ta' din il-kawza jwiegeb fl-affermattiv. Qal illi s-socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited tiehu hsieb affarijiet bhal kisi u dawl *turnkey projects* fost affarijiet ohrajn, waqt li Rainbow Interiors Limited hija nkarigata biss minn kwistjonijiet ta' suffetti u gypsum. Tenna li bhala interiors ma jixtri ebda prodott mis-socjeta' attrici. Meta gie muri

dokument ezebit f'dawn l-atti a fol 2 spjega li dan huwa statement mahrug mis-socjeta' attrici w mibghut lil Rainbow Home Improvements. Qal illi Rainbow Home Improvements huwa *trade name* tal-hanut taz-zebgha taghhhom. Isostni li kienu sorprizi ghaliex bhala interiors huma qatt ma ghamlu negozju mas-socjeta' attrici w ikkonferma illi n-negozju li sar kien bejn is-socjeta' attrici u Rainbow Turnkey Projects ghalkemm l-ammont involut huwa wkoll kontestat. Ikkonferma illi huwa minnu li s-socjeta' attrici baghtitilhom xi invoices u fil-fatt esebixxa parti mill-invoices li rcevew minghand is-socjeta' attrici. Dawn id-dokumenti huma intestati lil Rainbow Home Improvements u gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument CSH komplessivament. Qal li fuq dawn l-invoices jirrizulta li hemm VAT number li huwa tas-socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited u fil-fatt esebixxa kopja tal-VAT certificate tal-kumpanija Rainbow Turnkey Projects Limited sabiex jikkonferma dan, liema dokument qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH1. Fuq l-invoices fil-fatt hemm numru zejjed dwar in-numru tal-VAT taghhhom, zejjed hemm in-numru 4.

Spjega li kienu jixtru minghand is-socjeta' attrici permezz ta' credit u kienu jhallsu wara li effettivament jghaddi l-perjodu miftiehem ghall-hlas tal-merkanzija. Ix-xhud ipprezenta kopja tac-cekkijiet li kienu ghamlu rigward xi invoice antecedenti u dawn jidhru wkoll li huma mahruga mis-socjeta' Rainbow Turnkey Projects Limited. Dawn id-dokumenti, cioe' *images* ta' cekkijiet, gew mmarkati bhala Dokument CSH2. Spjega illi meta kienu jirritornajna lura xi merkanzija li jkunu xtraw minghand is-socjeta' attrici, dawn kienu johorgulhom credit note u l-credit note kienet tohrog f'isem Home Improvements u f'uhud minn dawn il-credit notes tidher ukoll il-VAT number tas-socjeta' Rainbow Turnkey Projects Limited. Hawnhekk ix-xhud esebixxa kopja ta' whud minn dawn il-credit notes li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH3. Qal li dawn il-credit notes johorgu wkoll fuq it-trade name taghhom Home Improvements. Sussegwentement

esebixxa wkoll kopja ta' whud mir-return notes li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument CSH4 u spjega li abbazi ta' dawn sussegwentement tohrog il-credit note. Sostna li kif jidher minn dawn id-dokumenti wkoll CSH4, il-kumpanija hija Rainbow Home Improvement care off Rainbow Turnkey Projects Limited.

Gie muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol 25, u spjega illi l-kumpanija ndikata fuq dan id-dokument hija Rainbow Turnkey Projects Limited. Skond hu dan huwa l-ftehim li kien intlahaq fejn l-affarjiet li kienu se jirritornaw kienu se jigu pacuti mal-invoices li kienu ghadhom pendenti. Ikompli li effettivament kienu baghtulhom dan il-ftehim biex jivverifikaw li kollox kien sew biex ikun hemm ftehim bil-miktub. Ikkonferma li huwa minnu illi Home Improvement, Rainbow Home Interiors Limited u Rainbow Turnkey Projects Limited kollha ghandhom l-istess indirizz gewwa Triq il-Qattus, Swatar, pero' l-kumpaniji mhux kollha maghmulin mill-istess nies. Mistoqsi jekk hux minnu li huwa kien qal lil Emanuel Grech biex jiftahlu l-kont fuq Rainbow Home Improvements, wiegeb li illum ma jiftakarx. Tenna li huwa minnu illi l-ftehim esebit fl-atti a fol. 25 m'hu ffirmat mill-ebda parti u spjega li dan il-ftehim, u cioe' dak prospettat a fol 25 tal-atti, kien gie redatt wara li effettivament kienu waslu f'xi ftehim permezz ta' emails u l-iskambju taghhom.

**Robert Magro,** in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta rega' xehed fit-18 ta' Novembru, 2015 u ddikjara ghal darb ohra li huwa *shareholder* tas-socjeta' Rainbow Turnkey Projects Limited u li din is-socjeta' ilha tinnegozja mas-socjeta' attrici mis-sena 2007. Qal li ghandhom hanut taz-zebgha w jaghmlu *turnkey* fl-istess hin. Qal ukoll li huma jigu mitluba jaghtu assistenza f'dan ir-rigward mis-socjeta' attrici. Kompla li kellhom ftehim mas-socjeta' attrici li l-affarijiet li ma juzawx jew ma jbieghux, setghu jirritornawhom lura, w din kienet ir-raguni ghaliex kienu ftehmu li

jaghmlu n-negozju maghhom. Pero' zied li dan il-ftehim fil-fatt juzawh ma' kulhadd mhux mas-socjeta' attrici biss, u r-raguni hi ghax hemm certu oggetti materjali li jaqtghu ghalkemm dan mhux fil-kaz tas-socjeta' attrici. Spjega li f'dan il-kaz l-oggetti ma nbieghux ghax kienu gholew il-prezzijiet taghhom.

Qal li fil-fatt dan il-ftehim kien sar ma' Adrian Grech u kien hu stess li tkellem ma' Adrian. Sostna li bhalma jidher mill-istatements, fil-passat kienu jahdmu tajjeb hafna bejnethom u ma kienitx l-ewwel darba li fil-fatt ghamlu *returns*. Jirrizulta anke mill-ezami tal-process li hemm varji *credit notes* kif ukoll *returns* u dawn jinsabu mmarkati bhala Dokument CSH3 a fol 41 et sequitur. Spjega li effettivament id-dokument *returns awaiting credit note* kienet tigi ffirmata minn rapprezentant tas-socjeta' E. Grech Cristal Bath Limited. Ix-xhud gie muri dokument ezebit fl-atti a fol. 13 u ddikjara li dan id-dokument CSH huwa *statement of account* li fih innifsu jindika l-*credit notes* li kienu johorgu mis-socjeta' attrici mill-bidu nett tat-transazzjonijiet li kellhom maghhom. Huwa qal li skont dan l-istatement ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' €84.05. Ikkonferma li dan huwa statement mahrug mis-socjeta' attrici stess. Mistoqsi jekk jichadx l-ammont mitlub minnhom fir-rikors promotur, wiegeb li onestament ma jafx minn fejn waslu ghal dan l-ammont.

Zied li l-problemi bejn is-socjetajiet kontendenti bdew fis-sena 2013. Spjega li kien hemm prodott partikolari tal-*plumbing* li l-prezz tieghu oghla hafna, *by 300%,* u ghalhekk huma ma setghux juzawh u ma kien ta' l-ebda uzu ghalihom u ddecidew li jirritornawh. Qal li huma accettaw pero' wara li ftehmu, s-socjeta' attrici xtaqu li huma jtuhom ir-*returns* b'telf ta' 18% mill-valur taghhom. Kompla li huma qablu maghhom li kienu lesti li jitilfu 10%, pero' ma waslux. Ix-xhud ezebixxa zewg *emails* li gew immarkati bhala Dokument RB li jikkonfermaw li effettivament huma kienu se jiehdu

l-affarijiet lura u hemm ukoll indikat illi s-socjeta' attrici qablet li tiehu r-*returns* izda huma kienu se jitilfu 18.75%. Din it-tieni email giet immarkata bhala Dokument EB1. Ix-xhud gie muri wkoll id-dokument ezebit fl-atti a fol. 25 immarkat bhala Dokument CSH1, liema dokument la hu ffirmat u lanqas datat u spjega li dan huwa biss abbozz ta' kuntratt. Sostna li dan kien sar wara li effettivament kienu ftehmu illi s-socjeta' attrici kienet se tiehu r-*returns* taghhom.

Sostna li apparti li huma kienu baghtu dan id-dokument sabiex jigi ffirmat, imbaghad kienu rcivew t-tieni email, li tinsab ezebita w immarkata bhala Dokument EB1, fejn is-socjeta' attrici kienet qed titlob illi jkun hemm riduzzjoni ta' 18.75%, izda huma m'accettawx u ghaldaqstant din kienet ir-raguni ghaliex dan l-abbozz Dok. CSH1 ma giex iffirmat.

Ikkonferma li l-istokk illum-il gurnata ghadu ghandhom u ghalihom huwa valur mejjet apparti l-fatt li qed jiehu l-ispazju u jista' jintrema. Ix-xhud stqarr li r-relazzjonijiet bejniethom waqfu wara li bdiet il-kawza.

Ix-xhud **Robert Magro** xehed in kontro-ezami fis-16 ta' Dicembru, 2015 u mistoqsi b'referenza ghax-xhieda li kien ta' fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, u cioe' jekk kienx hemm xi ftehim mas-socjeta' attrici dwar il-fatt illi huma setghu jirritornaw l-oggetti li ma jintuzawx, stqarr illi llum-il gurnata ma jiftakarx jekk il-ftehim kienx bil-miktub. Qal li rigward kwestjonijiet ta' *accounts*, ikun ahjar jekk tixhed ohtu ghax hi kienet tiehu hsieb. Tenna li jista' jkun li l-*invoices* indikati fuq Dok A probabilment jezistu, pero' ma jfissirx illi l-bilanc huwa dak dovut. Meta gie muri l-invoices ezebiti u mmarkati bhala Dokument BS, qal li huwa minnu li dawn saru, pero' ma jfissirx li huma pendenti. Cahad illi r-returns kienu jsiru ftit wara d-deliveries - sa massimu ta' gimgha izda gieli kien jghaddi aktar zmien. Gie muri wkoll id-dokument a fol. 13 mmarkat bhala Dokument CSH u

b'referenza ghal fejn hemm miktub illi d-delivery saret fil-5 ta' Jannar 2008 u kien hemm return fit-8 ta' Jannar 2008, spjega li ma jfissirx li l-oggett li gie returned tlett ijiem wara kien bilfors l-istess oggett li kien gie konsenjat. Ix-xhud qal li ma jafx li l-ftehim ezebit giex ffirmat la min-naha taghhom u lanqas min-naha tal-atturi. Qal li ghalkemm huwa minnu li certu oggetti li kellhom jigu *returned* kienu tal-istock 2008, izda mhux kollox kien mill-istess *stock* u kien hemm oggetti fosthom li kienu ricenti.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2015 fejn il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Rainbow Interiors Limited u lliberata mill-osservanza tal-gudizzju u ghalekk din is-sentenza ser tinghata proprju fuq il-mertu.

Rat ir-rikors  tas-socjeta Turnkey Projects Limited prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta Frar 2016 (fol. 95) u r-risposta tas-socjeta attrici prezentata fir-registru ta din l-istess Qorit nhar id-29 ta' Frar 2016  (fol. 102).

Rat id-digriet taghha datat 13 ta' April 2016 li permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-isfilz tad-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici permezz ta' nota datata 16 ta' Dicembru 2015.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' April 2016 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited sabiex thallasha s-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlettax-il ewro (€3,613) rapprezentanti din is-somma bilanc minn somma akbar dwar merkanzija mibjugha lilha, skond

numru ta' fatturi liema bilanc ma thallasx u ghadu pendenti. Minn naha l-ohra is-socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited qed teccepixxi bhala eccezzjoni li tali somma mhux dovuta peress illi fil-fehma taghha kien hemm ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti li jekk l-merkanzija ma tinbieghx din setghet tintradd lura lis-socjeta attrici soggetta ghat-tnaqqis tal-kreditu dovut lis-socjeta rikorrenti, liema ftehim ma giex onorat mis-socjeta' attrici minkejja diversi interpellazzjoijiet f'dan ir-rigward.

Sabiex tirnexxi l-azzjoni tas-socjeta' attrici, is-socjeta' attrici trid tipprova li l-prodotti li hija ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta ghamlitu taht titolu ta' bejgh u dan ghaliex is-socjeta' konvenuta qed tinsisti li qatt ma kien hemm bejgh izda li n-negozju kien wiehed ta' 'on consignment' u ghalekk tippretendi li s-socjeta' attrici ghandha tiehu lura l-merkanija li ikkonsejatilha u li in segweitu ma inbieghitx lil terzi. M'hemmx dubju li ghalhekk il-Qorti ghandha tifli x-xhieda u d-dokumentazzjoni li giet esebita mill-partijiet u dan sabiex tara x'tip ta' negozju kien hemm ghaddej bejn is-socjetajiet kontendenti. Is-socjeta' konvenuta issostni li s-socjeta' attrici ma pprovatx it-talba taghha u dan ghaliex ma pprezentatx l-invoices individwali imsemmija fl-istatement esebit bhala Dok A mar-rikros promotur. Issostni li kien jispetta lis-socjeta' attrici tipprova b'mod individwali l-ezistenza ta' dawn l-invoices. Is-socjeta' attrici minn naha l-ohra tghid li s-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta li hija rceviet il-merkanzija minghand is-socjeta' attrici izda tghid li irceviethom taht titolu ta' ritorn f'kaz li ma jinbieghux . Ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tesebixxi dawn l-istatements. Il-Qorti tirrileva li hawnhekk ma hawnx kontestazzjoni dwar jekk effetivament is-socjeta' attrici ghamlitx il-konsenji minnha imsemmija fl-istatement Dok A izda jekk hux minnu li s-socjeta' konvenuta kellha dan il-ftehim ta' ritorn f'kaz ta' non vendita.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **`Xuereb et vs Gauci et`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."* (ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk:

"*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak*

*l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*
(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – Appell Civili – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – Appell Civili – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti **(PA/JRM)** qalet hekk:

*"... Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

*Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li*

*"f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS -* ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et*** *- konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 -* ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca****). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****).*

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega kif effettivament sostna l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta fit-trattazzjoni tieghu (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12*).*

*"... Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u*

*xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006* **- Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***)*

Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.)

Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun

tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - **Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe**). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**)

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*"(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament*

*tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu."*

Illi dwar l-istitut ta **"***On consignment***"** il-Qorti thoss li ghandha taghmel ukoll xi rimarki fid-dawl tal-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta f'dan ir-rigward.

Fis-sentenza "**Vassallo noe vs Caruana noe**" kien ipprecizat illi meta jsir bejgh *on consignment* il-parti li tircievi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik merkanzija, bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni hija ghandha zzomm il-prezz miftiehem mal-konvenut u thallas lid-depozitant il-prezz originarjament miftiehem ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha.

Fil-kaz ta' bejgh *on consignment*, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' April, 1951 fis-sentenza taghha fuq citata fl-ismijiet **Avukat Dr. George Vassallo noe vs Victor Caruana noe li**:

"*il-kuntratt ta` spedizzjoni ta' merci "on consignment" huwa kuntratt mhux ta` bejgh, imma pjuttost ta` kummissjoni. F'kaz ta` kuntratt simili, il-kreditu ghandu dritt jitlob, mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata, imma l-prezz tal-merkanzija li tkun imbieghet, u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx". (Ara wkoll* ***Joanna Briffa vs Bernard Gauci et*** *deciza nhar it-22 ta' Gunju 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri per Imhallef Philip Sciberras).*

*"..................... Il-parti li tircievi l-merkanzija "on consignment" hija ghalhekk il-kustodja ossia depozitarja ta' dik il-merkanzija u bhala tali ma*

*tistax tippreskrivi favur taghha inkwantu dik il-parti tkun qed izzomm il-haga f'isem haddiehor*."

Issa fil-kaz in desamina xehed Emmanuel Grech in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u spjega li s-socjetajiet kontendenti kellhom negozju flimkien fis-sens li s-socjeta' konvenuta kienet taghmel ordni maghha u huma kienu jikkonsenjaw l-merkanzija ordnata. Jghid li dan in-negozju dam ghaddej ghal certu zmien tant li s-socjeta' konvenuta kellha 'an on going account' u kultant zmien is-socjeta' konvenuta kienet taghmel pagamenti akkont. Jghid ukoll li kien hemm okkazzjonijiet li verament s-socjeta' konvenuta kienet tirritorna xi oggetti ftit wara li jkunu gew ikkonsenjati lilha u huma kienu johorgu 'credit note'. Cahad pero' li huma kienu jikkonsenjaw il-merkanzija 'on consignment'. Jghid li kien hemm madwar hamsa u hamsin pagament li saru mis-socjeta' konvenuta u kien hemm zmien meta s-socjta' konvenuta kienet talbithom 'credit facilities' ta' tletin gurnata izda minkejja li kien accetta dan it-*terms of payment,* is-socjeta' konvenuta xorta kienet taqa' lura fil-hlasijiet li kellha taghmel u ghalhekk kienu estendew il-credit facilities taghha ghal sittin gurnata u wara anke tawhom direct consignment gurnata sabiex taffettwa il-hlasijiet taghha fuq l-konsenji li kienet tirceivi minghand is-socjeta' attrici. Spiccaw anke tawhom mija u disghin gurnata sabiex jaffettwaw il-hlas pero' rrizultalu li s-socjeta' konvenuta kienet sabet ruhha f'diffikultajiet u ma kinitx ser thallas u kien ghalhekk li pproceda l-Qorti.

Qal li qabel ma pproceda bir-rikors promotur kien baghat ittra ufficcjali fejn talab il-hlas tal-ammont imsemmi fir-rikors u s-socjeta' konvenuta qatt ma qaltlu li l-ammont ma kienx dovut tant li sahansitra anke resqet sabiex jipprovaw jikkoltivaw ftehim. Fil-fatt esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok CSH 1 li kien abbozz ta' ftehim li kien ser jigi ffirmat bejn il-kontendenti pero' l-partijiet ma waslux u kien ghalhekk li spicca l-Qorti.

Robert Magro prodott mis-socjeta' konvenuta xehed f'diversi okkazjonijiet u ma kienx konsistenti f'dak li qal. F'seduta wahda spjega li verament is-socjeta' konvenuta kienet tixri minghand is-socjeta' attrici permezz ta' *credit facilities* u kienu ihallsu dejjem wara li effettivament jghaddi l-perjodu miftiehem ghall-hlas tal-merkanzija. Qal ukoll li kien hemm okkazzjonijiet meta kienu jirritornaw xi merkanzija li jkunu xtraw u tohrogilhom 'credit note'. Pero' meta rega' xehed f'seduta ohra l-istess xhud spjega b'mod differenti x'kienet ir-relazzjoni ta' bejn is-socjetajiet kontendenti. Jghid li huma kienu jixtru minghand is-socjeta' attrici u dawk l-oggetti li ma kienux ibieghu s-socjeta' attrici kienet tohodhom lura. Mistoqsi jekk fil-fatt dan ma kienx minnu izda li credit note kienet tohrog biss una volta ikun hemm xi returns fi zmien qasir ta' ftit jiem jghid li mhux dejjem.

Qal li l-problema bejn is-socjetajiet kontendenti giet krejata fis-sena 2013 ghaliex kien hemm xi merkanizja li l-prezz taghha kien ghola hafna b'xi 300% u ghalhekk ma setghux juzawh aktar u ddecidew li jirritornawh. Jghid li huma accettaw dan pero' wara li kienu ftiehmu, xtaqu li jtelfuhom 18% mill-valur taghhom. Jghid li huma kienu lesti li jitilfu 10% u kien ghalhekk li ma waslux li s-socjeta' konvenuta tiehu lura l-merkanzija. Huwa jaghmel referenza ghal zewg e-mails esebiti minnu a fol 63 u 64 pero' minn ezami ta' l-istess jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet lesta li tiehu lura xi oggetti in kontro-kambju u ghalhekk zgur li ma nistghux nitkelmu fuq kwistjoni ta' bejgh li sar '*on consignment'*.

Meta rega' xehed ghat-tielet darba Robert Magro rega' ma kienx konsistenti ghaliex din id-darba qal li kienu jinghataw '*credit notes*' fir-rigward ta' oggetti li kienu jirritornaw ftit wara li jkunu saru d-deliveries sa massimu ta' gimgha. Mistoqsi jekk kienx minnu li l-oggetti li xtaqu jirritornaw lis-socjeta' attrici kienu oggetti ta' stock tas-sena 2008 jghid li iva ghalkemm kien hemm xi stock aktar ricenti ukoll.

Ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici verament kienet ghamlet negozju mas-socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited u li kienet ghamlet diversi konsenji lilha u li l-hlas effettiva ma sarx u li llum il-gurnata, kif stqarr Emmanuel Grech, ghad hemm il-bilanc dovut fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur.

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited u konsegwentement qieghda tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett elef, sitt mija u tlettax-il ewro u tnejn u disghin centezmu (€3,613.92).**

**Tordna li l-ispejjez kollha inkluz dawk tas-sentenza preliminari li nghatat nhar it-8 ta' Lulju 2015 ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta Rainbow Turnkey Projects Limited.**

**L-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali 631/14.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**